



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.6.2013
COM(2013) 484 final

2013/0226 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1365/2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni fir-rigward l-għoti ta' setgħat iddelegati u implimentattivi lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jagħmel distinzjoni bejn is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali biex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv kif stipulat fl-Artikolu 290(1) tat-TFUE (atti ddelegati), u s-setgħat ikkonferiti lill-Kummissjoni biex tadotta kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti legalment vinkolanti tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 291(2) tat-TFUE (atti tal-implimentazzjoni).

B'rabta mal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹, il-Kummissjoni impenjat ruhha² li tanalizza, fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fit-TFUE, u b'mod partikolari fl-Artikolu 290, l-atti leġiżlattivi li ma kinux ġew adattati għall-proċedura regolatorja bi skrutinju qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

Fil-kuntest tal-allinjament tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni³ mar-regoli l-ġodda tat-TFUE, is-setgħat ta' implimentazzjoni li huma attwalment mogħtija lill-Kummissjoni minn dak ir-Regolament għandhom jiġu pprovduti b'setgħat biex tadotta atti delegati u/jew ta' implimentazzjoni.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Ma kienx hemm bżonn ta' konsultazzjoni ma' partijiet interessati jew ta' valutazzjoni tal-impatt.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006, huwa propost li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex tadatta l-limiti għall-kopertura statistika tat-trasport tal-passaġġi fl-ilmijiet interni, biex tadatta d-definizzjonijiet u biex tadotta definizzjonijiet addizzjonali, kif ukoll biex tadotta atti delegati sabiex jiġi adattat l-kamp tal-applikazzjoni tal-ġbir tad-dejta u l-kontenut tal-annessi.

Barra minn hekk, huwa propost li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni bil-ħsieb li jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi dwar l-arranġamenti għat-trasmissjoni tad-dejta lill-Kummissjoni (Eurostat) inklużi standards għall-iskambjar tad-dejta u għad-disseminazzjoni tar-riżultati mill-Kummissjoni (Eurostat), u biex jiġu żviluppati u ppubblikati rekwiżiti u kriterji metodoloġiċi mfassla sabiex jiżguraw il-kwalità tad-dejta

¹ ĠU L 55, 28.2.2011, p.1.

² ĠU L 55, 28.2.2011, p.19.

³ ĠU L 264, 25.9.2006, p.1.

prodotta, skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni stabbilita fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

- Bażi legali

L-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- L-għażla tal-istrument

Ir-Regolament (UE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

- **Iż-Żona Ekonomika Ewropea**

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jestendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1365/2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni fir-rigward l-għoti ta' setgħat iddelegati u implimentattivi lill-Kummissjoni għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposra mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li bagħtu l-abbozz ta' att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat"), is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni jeħtieġ li jiġu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat.
- (2) B'rabta mal-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni⁴, il-Kummissjoni impenjat ruħha⁵ li tanalizza, fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fit-Trattat, l-atti leġiżlattivi li ma kinux ġew adattati għall-proċedura regolatorja bi skrutinju qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni⁶ jikkonferixxi setgħat lill-Kummissjoni sabiex timplimenta xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

⁴ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

⁵ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 19.

⁶ ĠU L 264, 25.9.2006, p.1.

- (4) Fil-kuntest tal-allinjament tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006 mar-regoli l-ġodda tat-TFUE, is-setgħat ta' implimentazzjoni li attwalment huma kkonferiti lill-Kummissjoni għandhom jiġu pprovduti b'setgħat biex tadotta atti ddelegati u ta' implimentazzjoni.
- (5) Fir-rigward tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006, sabiex jtgħiesu t-tendenzi ekonomiċi u tekniċi, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adattament tal-limitu għall-kopertura statistika dwar it-trasport tal-passaġġi fl-ilmijiet interni, l-adattament tad-definizzjonijiet u l-adozzjoni tad-definizzjonijiet addizzjonali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex jiġi adattat il-kamp tal-applikazzjoni tal-ġbir tad-dejta u l-kontenut tal-annessi.
- (6) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq l-unitajiet li jwieġbu.
- (7) Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1365/2006, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni biex tadotta arranġamenti għat-trażmissjoni tad-dejta inklużi standards għall-iskambjar tad-data, għad-disseminazzjoni tar-riżultati mill-Kummissjoni (Eurostat) u wkoll biex jiġu żviluppati u ppubblikati kundizzjonijiet u kriterji ta' metodoloġiċi mfassla biex tiġi żgurata l-kwalità tad-dejta prodotta. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- (9) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq biex jintlaħaq l-għan bażiku tal-allinjament tas-setgħat konferiti lill-Kummissjoni għall-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat li jiġu stabbiliti regoli dwar dan l-allinjament fid-dominju tal-istatistika tat-trasport. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkiseb dak l-għan, skont l-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (10) Biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, huwa meħtieġ li l-proċeduri għall-adozzjoni ta' miżuri li nb dew iżda ma tlestewx qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament.
- (11) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 2, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

'5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 9, li jieħu kont tat-tendenzi ekonomiċi u tekniċi, fir-rigward tal-adattament tal-limitu għall-kopertura statistika dwar it-trasport tal-passaġġi fl-ilmijiet interni."

(2) Fl-Artikolu 3, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 9, li jieħu kont tat-tendenzi ekonomiċi u tekniċi, fir-rigward tal-adattament tad-definizzjonijiet u l-adozzjoni tad-definizzjonijiet addizzjonali.”

(3) Fl-Artikolu 4, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

‘4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 9, li jieħu kont tat-tendenzi ekonomiċi u tekniċi, dwar l-adattament tal-kamp tal-applikazzjoni tal-ġbir tad-dejta u l-kontenut tal-Annessi.”

(4) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 jinbidel b’dan li ġej:

‘2. Arranġamenti għat-trażmissjoni tad-dejta lill-Kummissjoni (Eurostat), inklużi standards għall-iskambjar tad-dejta, għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta’ eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(2).”

(5) Fl-Artikolu 6, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Għandhom jiġu adottati arranġamenti għat-tixrid ta’ riżultati mill-Kummissjoni skont il-proċedura ta’ eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(2).”

(6) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 jinbidel b’dan li ġej:

‘1. Il-Kummissjoni għandha tadotta kundizzjonijiet u kriterji ta’ metodoloġiċi mfassla sabiex tiżgura l-kwalità tad-dejta prodotta f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 10(2).”

(7) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b’dan li ġej:

"Artikolu 9

Eżerċizzju tas-setgħat delegati

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta’ atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f’dan l-Artikolu.

2. Meta teżerċita s-setgħat delegati fl-Artikolu 2(5), l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(4), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq il-konvenuti.

3. Is-setgħa ta’ adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(5), l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(4) għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta’ żmien indeterminat minn (Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data preċiża tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendatorju).

4. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(5), l-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(4) tista’ tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Id-deċiżjoni ta’ revoka għandha twassal għat-tmiem tad-delegazzjoni tas-setgħat speċifikata f’dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-publikazzjoni tad-deċiżjoni f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f’dato aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta’ kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

5. Hekk kif hija tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinforma dwaru lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(5), Artikolu 3(4) u Artikolu 4 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.'

(8) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 10
Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea (*). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni(**).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164.

(**) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.'

(9) l-Anness G huwa mħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-proċeduri għall-adozzjoni ta' miżuri previsti fir-Regolament (KE) Nru 1365/2006 li nbdew iżda ma tlestewx qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*